VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,804, 9 ta' Settembru, 2011
Taqsima B

A.L. 363 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2011 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2011 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 137 tal-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mit-23 ta' Ġunju 2011 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok iż-żewġ sottoparagrafi (i) tal-paragrafu (4) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(i) Bachelor of Science bi klassifikazzjoni ta' Kategorija II jew aħjar jew Bachelor of Science (Honours) bi klassifikazzjoni tat-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar, fiż-żewġ każijiet bil-Bijoloġija u bil-Kimika bħala oqsma ewlenin, jew fin-Nursing Studies, jew fil-Midwifery, jew fil-Physiotherapy, jew fir-Radiography jew fil-Medical Laboratory Science (jew Applied Biomedical Science) jew grad komparabbli; jew"